MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2008

Numru 567/2006

IL-PULIZIJA
SPETTUR JOHANN J. FENECH
VS
JOSEPH SEYCHELL
CHARLTON SEYCHELL

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati, Joseph Seychell, iben Joseph u l-mejta Domenica nee’ Psaila, imwieled Zejtun fl-1 ta’ Gunju 1959, residenti Nru 36, Triq Leonardu, Zabbar u detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ bin-numru 378559(M). Charlton Seychell, iben Joseph u Joan nee’ Gerada, imwieled Pieta’ fil-31 ta’ Awissu 1983, residenti Nru 36, Triq San Leonardu, Zabbar u detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ bin-numru 468683(M).

Illi Joseph Seychell wahdu huwa akkuzat talli fit-18 ta’ Marzu 2006 ghall-habta tal-10:00am fi Triq Melqart, M’Xlokk, ikkaguna ferita ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’

Mark Cini minn M’Xlokk skond kif iccertifika Dr. Michael Cordina M.D.

Illi akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u hin volontarjament ikkagunua hsarat fuq il-vettura ta’ l-ghamla Subaru Legacy bin-numru ta’ reg. FAW 053, liema hsarat jammontaw ghal Lm129.80c ghad-dannu ta’ l-istess Mark Cini.

Illi Joseph u Charlton Seychell f’daqqa akkuzati talli fl-istess data, lok u hin ingurjaw jew heddu bi kliem lill-istess Mark Cini.

Illi akkuzati wkoll talli fl-istess data, lok u hin kisru l-paci pubblika u l-bon ordni b’ghajjat, storbju, glied jew mod iehor.

Il-Qorti hija mitluba li barra li tapplika l-piena stabbilita ghal dan ir-reat, tapplika l-provvediment ta’ l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta’ ta’ Mark Cini.

Ghaldaqstant, filwaqt li nesebixxi estratt mill-att tat-twelid u l-fedina penali ta’ l-imputat, nitlob li l-kaz jigi nvestigat skond il-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali u dak ta’ l-imputat sabiex il-kas jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kas.

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet

Ikkonsidrat:

L-Ispettur Johann Fenech xhed fol.11 illi hu rcieva ittra minghand certu Mark Cini minn M’Xlokk jilmena li kien gie aggredit fit-18 ta’ Marzu 2006 u safa griehi ta’ natura hafifa u li kien gie insulentat minn zewg minn nies li kienu wkoll ddaneggjaw il-vettura tieghu f’ammont ta’ ‘il fuq minn

Lm50. Mark Cini allega li l-aggressuri tieghu kienu b’mutur HAW 084.

L-Ispettur Johann Fenech xhed illi fl-investigazzjoni sab illi dan il-mutur kien propjeta’ ta’ l-imputat Joseph Seychell u ghalhekk baghat ghalih u ghal ibnu Charlton.

Illi mill-istqarrija tieghu, Charlton Seychell (Dok.JF6 a fol.23) stqarr illi huwa kien ma missieru fuq mutur u qasmu t-triq biex imorru jixtru minghand Pet Shop u semghu karozza ddoqq il-horn. Is-sewwieq ta’ din il-karozza beda joffendi lil missieru, beda jobzoqlu, jigdem idejh u ried johrog mill-karozza ghal missieru. Charlton stqarr illi huwa zamm il-bieba tal-karozza b’mod li s-sewwieq ma setghax johrog. Sadanittant giet mara li qalet li tigi mis-sewwieq tal-karozza u bbuttat lil Joseph Seychell fuq il-karozza, sakemm waqqafha zewgha. Charlton Seychell stqarr illi tant is-sewwieq tal-karozza ma kienx jaf x’qed jaghmel, li fil-fatt habat aktar l-isfel fit-triq.

Charlton Seychell nnega li huwa jew missieru sawtu lis-sewwieq tal-karozza jew li ghamlu xi hsara fil-karozza tieghu.

Joseph Seychell fl-istqarrija tieghu Dok.JFS a fol.21 et seq. stqarr illi kien isuq mutur u kiser biex jieqaf ghand Pet Shop meta sema’ s-sewwieq tal-karozza warajh joffendih b’ommu, u mbaghad beda jargumenta mieghu u sahansitra bezaqlu darbtejn f’wiccu.

Illi l-imputat, Joseph Seychell dahal fil-hanut sabiex jixtri u ghajtitlu Ex Pulizija mara. Hu hareg u hi bdiet targumenta mieghu u xehtitu fuq il-karozza tas-sewwieq. Is-sewwieq beda jghati bis-sieq il-karozza tieghu stess minn gewwa waqt li martu bdiet tipprova ssiktu.

Joseph Seychell stqarr li huwa ma aggrediex u li ma sawwatx lis-sewwieq u li ma ghamel ebda hsara lil karozza tas-sewwieq.

Mark Cini a fol.27 et seq xhed illi f’Marzu tat-2006 huwa kien ghamel rapport dwar avveniment fejn hu kien gie

aggredit mill-imputati u li dan ghaddieh lil Pulizija. Sqarr illi fit-2006 kien tiela minn Triq Melqart u quddiemu kien hemm mutur b'zewg persuni fuqu. Dan il-mutur ma kienx "Steady" u kien qed jigi misjuq bil-mod hafna fuq il-parti tax-xellug tal-kwerelant Cini. Cini xhed illi f'nofs it-tela' paqpaq il-horn tieghu u pprova jaqla' lil mutur. Dan il-mutur, pero' kiser f'angolu ta' disghin degrees ghal quddiem il-karozza tieghu u qasam ghan naha l-ohra tat-triq. Cini zamm il-brakes. Xhed illi kellu qata' kbira fuqu u rega' daqq il-horn "Speci x'inti taghmel." (ara fol.28)

Cini xhed illi z-zewg persuni nizlu minn fuq il-mutur, avvicinawh b'hafna ghajjat u theddid u l-imputat Joseph Seychell tah daqqa ta' ponn f'wiccu minn gol-hgiega tan-naha tax-xufier. Il-kwerelant Cini gharaf lill-imputat Joseph Seychell bhala l-persuna li aggreditu fizikament. Cini xhed illi l-mara tieghu bezghat hafna, hatfitu u gebditu lura fuq in-naha tal-'front passenger seat' waqt illi Cini kien qed jipprova jaqla' s-seat belt pero' ma setghax jiccaqlaq.

*"Sadannitant harget in-neputija tieghi…Yvette Farrugia u huha u gew jikkalmaw l-affarijiet, lili bdiet tibbutali l-bieba sabiex ma nohrogx u bdiet tghidli biex ma nohrogx mill-karozza. Sadanittant hargu l-koppja Haber…"*

Il-kwerelant Cini xhed illi l-imputat, Joseph Seychell. aggredixxa lil Yvette Farrugia u Joseph Haber. Il-kwerelant Cini xhed illi Yvette Farrugia kkalmat l-affarijiet u qaltlu sabiex jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija. Cini xhed illi ghalkemm mar l-Ghassa tal-Pulizija darbtejn ma kienx sab l-Ispettur prezenti u allura ghamel rapport bil-miktub. Ezebixxa certifikat mediku Dok.MC u ritratt Dok.MC1 u stima ta' hsarat Dok.MC2 f'ammont ta' Lm129.80.

In kontro ezami l-kwerelant ta spjegazzjoni ghal raguni il-ghaliex ma ghamilx rapport l-Ghassa tal-Pulizija b'mod immedjat. Stqarr ukoll illi f'ebda hin ma rnexxielu johrog mill-karozza minhabba illi kellu s-seat belt maqful, minnhabba l-fatt illi martu kienet gibditu lura u ggranfat

mieghu u minhabba li l-Ispettur Yvette kienet zammitu milli johrog.

Dr. Michael Cordina kkonferma c-certifikat Dok.MC a fol.34 u l-griehi ta' natura hafifa illi garrab il-kwerelant Cini.

Josette Cini kkonfermat ix-xhieda ta' zewgha (a fol.41 et seq.) u cioe illi l-imputat, Joseph Seychell, kien kiser ghal fuq il-karozza tal-kwerelant Cini kif zewgha paqpaq il-horn u kif Joseph Seychell niezel mill-mutur u capcaplu daqqa ta' ponn minn got-tieqa. Ikkonfermat illi kien hemm hafna kliem ta' theddid, fosthom; “Niskarnak.” **Ikkonfermat ukoll illi Charlton Seyhcell, f'ebda mument ma mess lil zewgha**. Xhedet ukoll illi Joseph Seychell kien ta daqqa ta' sieq fuq il-karozza izda ma tafx min taha t-tieni daqqa ta' sieq fuq l-istess karozza.

Joseph Sammut (a fol.47) ikkonferma l-istima Dok.MC2.

Ex Spettur Yvette Farrugia (a fol.49) xhedet illi fil-15 ta' Marzu 2006 kienet semghat xi ghajjat fir-residenza taghha, kien hareg zewgha halli jara x'gara u nfurmaha illi kienu nvoluti z-zijiet taghha. Xhedet illi hija setghat tara biss lil Josette Cini fil-karozza u mhux lix-xufier u li rat iz-zewg imputati mqabbdin mat-tieqa tad-driver. Illi hija pruvat tikkalma s-sitwazzjoni, nehhiethom minn mal-karozza u li kien hemm innutat liz-ziju taghha, “Li kien qieghed mimdud prattikament, marbut bis-seatbelt,” (ara fol.50) Farrugia xhedet illi Mark Cini deher pallidu hafna u li kellu d-demm ma' xufftejh. Yvette Farruguia xhedet illi minkejja li hi u zewgha pruvaw jappartaw lil Seychell mill-karozza ta' Cini, Seychell ghal darbtejn kien ipprova jhebb ghal Cini fil-karozza u dana fost hafna insulti, kliem baxx u theddid: “Niskarnak.”

Carmel Haber (a fol.53) xhed illi huwa jiggestixxi Pet Shop bl-isem ‘Haber's Pet Shop', Melqart Street, Marsaxlokk. Xhed illi fid-data ndikata, r-ragel ta' l-Ispettur Farrugia dahal fil-Pet Shop tieghu akkumpanjat ma' Joseph Seychell li kellu lambretta u dana sabiex izomm appartat lill-istess Seychell. Huwa xhed illi hareg fil-front garden illi sab karozza pparjata fin-nofs tat-triq, ragel mimdud fuq is-

seat ta’ quddiem u l-mara zzommu. **Xhed illi l-persuna illi kienet fil-karozza (Mark Cini) bdiet toffendi lit-tifel (li kien fuq il-mutur) b’ommu**. Ghaldaqstant huma hadu lit-tifel ukoll u dahluh gol-hanut sabiex is-sitwazzjoni ma teskalax. Carmel Haber ma rax griehi jew dmiegha fuq is-sewwieq, gharaf lill-imputati bhala l-persuni li kienu fuq il-lambretta.

Cecilia Haber, mart Carmel, ikkonfermat ix-xhieda ta’ zewgha, kkonfermat illi deher illi kien hemm argument (diskors biss) bejn sewwieqa fuq il-mutur u sewwieqa fuq il-karozza pero’ ma rat lil hadd jaghti bl-idejn. Hija f’ebda hin ma avvicinat il-karozza ghax bezghat. Ikkonfermat illi l-imputati kienu bil-mutur u li ddahhlu fil-hanut.

Fix-xhieda tieghu, Joseph Seychell (a fol.61 et seq.) xhed ili hu u t-tifel tieghu Charlton kellhom bzonn jixtru xi ikel ta’ l-ghasafar u accedew ghand ‘Haber’s Pet Shop.’ Seychell xhed illi huwa kien qieghed bil-mutur 100CC. Xhed illi kif qasam, is-sewwieq tal-karozza ta’ warajh beda jdoqq il-horn u jghajjru b’ommu li hija mejta. Seychell xhed illi nizel mill-mutur u halla lil mutur f’idejn it-tifel.

> *“Meta mort sabiex inkellu, beda jaghti b’saqajh hekk, jiena ersaqt lejh irkubtejja mal-karozza u bezaqli…u rega’ offendini b’ommi.”*

L-imputat xhed illi kienet intervjeniet l-Ex Spettura, fil-fatt ir-ragel taghha kien ghamillu café u tah il-gallettini. L-imputat xhed illi Cini telaq mill-karozza u fil-fatt habat naqra iktar l-isfel fl-istess triq skond ma qalu minn jigi minnu. Seychell jammetti illi argumentaw, issaraw ftit bl-idejn:

> *“Issarajna naqra ghax bhal speci ghax hu beda jippanikkja mill-karozza. Ried jinqala’ mic-cunturin.”* (ara a fol.63)

Seychell jghid illi feriti ma soffra hadd. L-imputat xhed:

*“Bezaqli mill-ewwel. Minn gol-hgiega. Kellu l-hgiega mtella’.”*

Seychell xhed illi f’ebda ma aggredixxa lil Cini jew tah daqqa ta’ ponn. Di piu’ jghid illi ibnu hallieh izomm il-mutur. Innega wkoll illi ta xi daqqiet fuq il-karozza ta’ Cini. Aktar tard xhed illi seta’ laqatha b’irkubbtejh.

Ikkonsidrat;

Illi mix-xhieda fuq prodotta jirrizulta ampjament illi l-imputat Joseph Seyhcell hass ruhu ffastiedit meta l-kwerelant Cini beda jpaqpaqlu wara li kiser ghal fuqu b’mod perikoluz, illi dan ma kienx bizzejjed u li l-imputat, Joseph Seychell nizel ghal sodisfazzjon. Illi f’dan il-mument il-kwerelant Cini, li kien ha qata’ bil-manuvra perikoluza ta’ l-imputat, irrabja u seta’ anke offendieh u x’aktarx ukoll bezaqlu. L-imputat Joseph Seychell kien pront u capcaplu daqqa ta’ ponn f’wiccu. Il-kwerelant Cini gie immedjatament mahtuf minn martu u zvantaggat kompletament stante li kien ghadu bis-seat belt maqful u mizmum kompletament minn martu u li kif f’dan il-mument ukoll Joseph Seychell laghab daqtejn sew fuq il-karozza ta’ Cini, dana fost ghajjat u glied, theddid bil-kliem, ‘Niskarnak,’ u b’mossi oxxeni. Illi mix-xhieda kollha prodotta ma jidhirx illi Charlton Seychell kien protagonista fil-glieda anzi pprova jferraq u jikkalma s-sitwazzjoni u ma hemm ebda prova illi turi illi Charlton Seychell agreddixxa lil kwerelant Cini jew li ghamel hsara lil karozza. **Dan gie konfermat minn mart il-kwerelant, u cioe Josette Cini stess.**

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat Joseph Seychell hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 221(1),

325(b), 339e, 338dd, Artikoli 28A u 28H tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputat Joseph Seychell ghal sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn, in oltre tordna il-hrug ta' 'compensation order kontra l-imputat fis-somma ta' 302.35 Euro, rapprezentanti danni subiti fuq il-vettura tal-kwerelant, favur il-kwerelant Mark Cini, liema somma ghandha tithallas fi zmien sitt xhur mid-data tal-lum. In oltre ssib lill-imputat Charlton Seychell mhux hati skond l-akkuza u ghalhekk tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------